# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DECIZJONI PRELIMINARI NRU. 1172

Kaz Nru. 1430

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn

Joseph Abela

u

Libyan Higher Vocational Institute

Data: 7 ta' Frar 2001

Chairman: is-Sur Franco Masini

## 1. Introduzzjoni

Waqt is-smiegh tal-kaz iz-zewg partijiet qablu li t-Tribunal ghandu l-ewwel nett jiddecidi fuq il-punt jekk il-kuntratt tax-xoghol tal-Appellant li dwaru qam il-kaz kienx wiehed definit jew le. Dana ghaliex l-Appellant kien soggett inizjalment ghal kuntratt definit bil-miktub. Dana skond l-Istitut Appellat gie imtawwal ghal sena ohra meta skada u skond l-Appellant sar wiehed indefinit.

Saru diversi seduti qabel ma saret it-trattazzjoni fuq dan il-punt. Dana minhabba li riedu jinstemghu il-provi inkluz ix-xhieda tal-firmatarju Libjan tal-kuntratt originali. Izda l-attentati tal-Istitut Appellat biex jirrintraccjaw lil din il-persuna sfaw fix-xejn ghaliex din il-persuna hija msiefra u, ghad li ghadha tahdem mal-Gvern Libjan, ma nstaghbitx.

## 2. Fatti tal-Kaz

L-Appellant gie impjegat mal-Istitut Appellat permezz ta' kuntratt bil-miktub fit-23 ta' Frar 1998. Irid jinghad illi l-kuntratt li gie esibit ma ghandux il-firma tal-Appellant. Din mhix l-unika stramberija li ghandu dan il-kuntratt, jew almenu l-kopja li giet annessa ma' li *statement of case* tal-Istitut Appellat. Fejn hemm imnizzel il-perijodu

ta' sena tul tal-kuntratt hemm miktub bil-linka d-data ta' bidu li hija it-23 ta' Frar 1998. Tahta hemm miktuba data ohra ta' 31 ta' Dicembru 1999. Ix-xhud Mrs Eileen Valletta stqarret li kitbitha hi din l-ahhar data izda ma tistax tiftakar ghaliex inkitbet jew x'sinjifikat ghandha din id-data.

## 3. Kunsiderazzjonijiet

Il-kaz kollu huwa npernjat fuq il-kuntratt miktub li gie anness mall-atti. Dan il-kuntratt ghandu fatti kurjuzi li ga ssemmew. It-Tribunal ghandu quddiema zewg ipotesi: jew tassumi li huwa validu jew li mhux validu. It-Tribunal se jezamina z-zewg ipotesi biex ikun gust maz-zewg partijiet. Jekk jirrizulta li l-kuntratt huwa nvalidu ghax jonqsu element importanti, anzi indispensabbli, li hija l-firma ta' wahda mill-partijiet m'hemmx dubju li r-relazzjoni kontrattwali bejn l-Appellant u l-Istitut Appellat hija wahda ta' kuntratt indefinit. Dana peress li jirrizulta li l-Appellant kien fill-fatt jahdem mall-Istitut Appellat izda minn imkien iehor ma jirrizulta li kien hemm xi terminu indikat wara li ghaddiet l-ewwel sena.

Mill-banda l-ohra jekk wiehed jaccetta l-presunzjoni ta' validita` tal-kuntratt allura hemm bzonn ta' ezami dettaljat tieghu. Il-klawsola numru 1 tal-kuntratt, intestata *Date and Period of Empoyment* hija l-pern tal-kaz kollu. Din tghid testwalment "*The first party does hereby employ the second party............and this for a period of one year with effect as* (sic) *from*". Din il-parti citata hija bhal kuntratt kollu ittajpjata u hemm vojt biex jimtlew bil-linka n-nomenklatura tal-post u d-data. Issa f'dan il-kuntratt kif esibit hemm miktub bil-linka d-data " *23rd February 98*" u tahtha preciz bl-istess kalligrafija, li fix-xhieda taghha Mrs Eileen Valletta stqarret li kienet taghha, hemm miktub data ohra cioe' "*31st Dec. 99*". Hemm imbaghad paragrafu iehor tal-istess artikolu li jaqra hekk: "*This contract can be renewed for a further period of one (1) year by agreement between the parties hereto provided that a new contract is signed between them*". Minn dan jidher car illi (a) estensjoni tal-kuntratt definit ghal sena ohra wara l-gheluq tal-ewwel sena kien possibbli biss permezz ta' kuntratt bil-miktub, (b) ma gie prezentat l-ebda kuntratt sussegwenti ghall-ewwel wiehed, (c) l-Appellant jichad li xi hadd kellmu fuq il-kuntratt meta ghalaqlu l-ewwel wiehed, (d) ma giet moghtija l-ebda spjegazzjoni ghad-data tal-31 ta' Dicembru 1999.

Minn dan kollu jidher car illi meta lill-Appellant skadielu l-ewwel kuntratt fit-23 ta' Frar 1999 huwa baqa' impjegat tal-Istitut Appellat. Kieku t-tezi tal-Istitut Appellat kellha tkun accettatha, is-sena ulterjuri kienet tiskadi fit 23 ta' Frar 2000 u mhux fil-31 ta' Dicembru 1999. Ukoll jekk wiehed jaghti kaz tad-data, nghidulha sekondarja, tal-

31 ta' Dicembru 1999 li hemm imnizzla fil-kuntratt wiehed irid bilfors jikkonsidra din bhala data ta' bidu ta' kuntratt iehor ta' sena minn did-data u mhux bhala data ta' tmiem tal-impieg.

Jekk tiehu z-zewg ipotesi, kemm dik tal-prezunzjoni ta' validita` tal-kuntratt kif ukoll dik tal-invalidita` tieghu jirrizultalek illi meta ntemm l-impieg tal-Appellant ma tistax tghid li huwa kien fuq kuntratt tax-xoghol definit peress li meta skadielu dak miktub ta' sena ma jirrizulta minn imkien illi dan kien rimpjazzat b'iehor ghal perijodu definit.

**4. Decizjoni**

It-Tribunal jiddecidi li fid-data tal-licenzjament tieghu l-Appellant kien qed jahdem taht kuntratt tax-xoghol indefinit u ghaldaqstant l-istess Tribunal huwa kompetenti li jisma' u jiddecidi dwar il-merti tat-tkeccija tal-istess Appellant u jordna li l-kaz ghandu jitkompla.

Franco Masini
Chairman

Emma Muscat
a/Segretarja